

li jintervjeni bħala intermedjarju, bir-riżultat li dan l-intermedjarju eventwalment isib ruħu f'sitwazzjoni fejn azzjoni mibdija kontrih ma tkunx preskritta, bil-kontra ta' dik mibdija kontra l-Istat Membru u li għaldaqstant dan l-intermedjarju jista' jkollu azzjoni mibdija kontrih minn operaturi oħra u li, skont il-każ, ikollu jsejjaħ lill-Istat Membru bħala garanti, iżda ma jistax jirkupra fil-konfront ta' dan l-Istat Membru l-imposti li hu stess ħallas direttament lil dan tal-aħħar?

- (3) Id-dritt Komunitarju jipprekludi lil Stat Membru milli jkun jista' jinvoka, b'suċċess, termini ta' preskrizzjoni nazzjonali li huma partikolarment favorih meta mqabbla mad-dritt komuni nazzjonali sabiex jiddefendi ruħu, fil-proċeduri mressqa kontrih minn individwu, bl-għan li jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet li dan tal-aħħar għandu taħt it-Trattat KE, bħal fil-każ deskritt mill-qorti nazzjonali, fejn dawn it-termini ta' preskrizzjoni nazzjonali partikolarment favorevoli għandhom il-konsegwenza li jirrendu impossibbli l-irkupru ta' taxxi li tħallsu lill-Istat Membru skont sistema mħallta ta' għajnuma u taxxi li mhux biss irriżultat parzjalment illegali iżda wkoll parzjalment inkompatibbli mad-dritt Komunitarju, u li l-inkompatibbiltà tiegħu mad-dritt Komunitarju għet ikkonstatata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej biss wara l-iskadenza ta' dawn it-termini ta' preskrizzjoni nazzjonali partikolarment favorevoli, anki jekk l-illegalità kienet teżisti preċedentement?

Talbiet għal deċizzjoni preliminari mressqa mit-Tribunal d'instance de Dax (Franza) fit-22 ta' Frar 2010 fil-kawża — AG2R Prévoyance vs Bourdil SARL — AG2R Prévoyance vs Société boucalaise de boulangerie SARL — AG2R Prévoyance vs Baba-Pom SARL

(Kawża C-97/10)

(Kawża C-98/10)

(Kawża C-99/10)

(2010/C 113/45)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal d'instance de Dax

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: AG2R Prévoyance

Konvenuti: Bourdil SARL, Société boucalaise de boulangerie SARL, Baba-Pom SARL

Domanda preliminari

Ftehim kollettiv wiesa' li jagħti dritt esklużiv ta' amministrazzjoni lil sistema unika ta' rimbors komplementari tal-ispejjeż tas-saħħa (f'dan il-każ, l-Istitut AG2R Prévoyance) jikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 82 KE meta dan il-ftehim ma jistabbilixxix, jew saħansitra jeskludi espressament, kull eżenzjoni mill-affiljazzjoni mal-imsemmija sistema (bil-kundizzjoni li r-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni ma jostakolawx l-applikazzjoni tal-inkarigu mogħti lill-Istitut AG2R Prévoyance)?

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Frar 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

(Kawża C-100/10)

(2010/C 113/46)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Braun u J. Sénéchal, aġenti)

Konvenuta: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

Talbiet

— tikkonstata li billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji kollha sabiex jikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 2006, dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE ⁽¹⁾ jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikax dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 53 ta' din id-direttiva;

— tikkundanna lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu għall-ispejjeż.